MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 436/2012

**AB**

**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-esponenti zzewget lill-intimat fil-11 ta’ Awwissu 1985 fil-Knisja Parrokjali ta’ San Giljan ;

Illi l-esponenti ssseparat legalment minn ma’ zewgha permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-nutar Dr. Ivan Barbara datat 17 ta’ Ottubru 2000 u dana wara li giet awtorizzata sabiex taghmel hekk permezz ta’ digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti datat 17 ta’ Ottubru 2000 ;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlitt itfal jisimhom Karl Galea li llum ghandu sitta u ghoxrin sena, X ta' wiehed u ghoxrin sena u Y ta' ghoxrin sena ;

Illi peress li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti kien diga dikjarat legalment separat b'separazzjoni legali u issa ghaddew sew iktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali ;

Illi l-partijiet ma' ghandhom ebda pendenza dwar manteniment bejniethom ;

Talbet in vista tas-suespost li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja id-divorzju jew il-hall ta' zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex l-istess jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Settembru, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi peress illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Ottubru tas-sena 2000;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukol illi ma hemm l-ebda pendenza dwar manteniment bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------